**4 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Scicluna *et noe*

*versus*

Joseph N. Tabone *et noe*

**Soċjetà Anonima – Rappreżentanza – *Ultra Vires***

*Huwa prinċipju fundamentali li persuna li tinnegozja ma' kumpanija titqies li tkun taf il-kontenut tal-memorandum u l-Istatut ta' dik il-kumpanija.*

*Din ir-regola, magħrufa bħala the rule of constructive notice, tapplika billi l-art. 193 tal-Kap. 168 jagħti l-fakoltà lil kull persuna li tispezzjona l-memorandum u l-istatut u d-dokumenti l-oħra soċjali miżmuma mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet. Għalhekk min jinnegozja ma' kumpanija għandu l-oneru li jispezzjona dawn id-dokumenti pubbliċi ta' l-istess soċjetà u jaċċerta ruħu li n-negozju propost ma jkunx f'konflitt magħhom. Għandu jara speċifikament li min jidher f'isem is-soċjetà jkollu s-setgħa li jirrappreżentaha.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi fl-4 ta' Frar 1987 sar ftehim bejn id-ditta konvenuta u l-Għaqda attriċi, iffirmat minn Dennis Sammut Direttur Esekuttiv għan-nom u in rappreżentanza tal-konvenut *nomine* u Alfred Zammit u Antonio DeGaetano, allura President u Segretarju

in rappreżentanza ta' l-atturi *nomine*, fejn id-ditta konvenuta obbligat ruħha li tikkontribwixxi lill-atturi *nomine* l-ammont ta' elfejn u ħames mitt lira Maltija (Lm2,500) fis-sena għall-perijodu minn l-ewwel ta' Frar, 1987 sa l-ewwel ta' Frar 1989, liema somma kellha tkun pagabbli b'rati ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm625) kull tliet xhur li jsiru fl-ewwel ta' Frar, Mejju, Awissu u Novembru;

Peress illi l-konvenut *nomine* ħallas l-ewwel rata fl-ewwel ta' Frar 1987 però naqas li jħallas ir-rati ta' l-ewwel ta' Mejju 1987, l-ewwel ta' Awissu 1987, l-ewwel ta' Novembru 1987, l-ewwel ta' Frar 1988, l-ewwel ta' Mejju 1988 u l-ewwel ta' Awissu 1988, b'kollox ammontanti għal tlett elef seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm3,750.00);

Peress illi l-atturi *nomine* interpellaw inutilment lid-ditta konvenuta li baqgħet s'issa inadempjenti għalkemm riedet tħallas biss is-somma ta' elfejn u ħames mitt lira Maltija (Lm2,500) għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha, liema proposta ġiet irrifjutata; l-istess atturi talbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm3,750.00 rappreżentanti sitt skadenzi hawn fuq imsemmija abbażi ta' kuntratt iddatat 4 ta' Frar 1987;

Bl-ispejjeż, interessi legali u b'riserva għar-rata oħra li għadha mhux skaduta abbażi ta' l-imsemmi kuntratt u b'riserva għal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-atturi *nomine* minħabba l-inadempjenza tad-ditta konvenuta li tonora dan il-ftehim;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Domenic A. Cassar li assuma l-atti tal-kawża għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjetà Bankarja *Bank of Valletta Limited*

minflok Joseph N. Tabone u Reginald Abela li biha eċċepixxa:

1. Illi Dennis Sammut, allura *Executive Director* tas-soċjetà konvenuta, li ffirma l-iskrittura ta' l-4 ta' Frar 1987 (Dok. A) qatt ma kellu, skond l-istatut tas-soċjetà konvenuta, awtorità li jirrappreżenta u jorbot lis-soċjetà konvenuta u kwindi ma seta' qatt u bl-ebda mod jorbot lis-soċjetà konvenuta b'dik l-iskrittura; Għalhekk il-proċeduri odjerni ta' l-atturi almenu fil-konfront ta' l-eċċipjent *nomine* huwa legalment insostenibbli u l-konvenut *nomine* għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, l-iskrittura ta' l-4 ta' Frar 1987 ma tikkostitwixxi l-ebda obbligazzjoni valida *stante* illi l-element essenzjali tal-*causa* bejn il-partijiet huwa nieqes;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti fi kwalunkwe każ kontribuzzjonijiet simili jkunu att ta' pura liberalità ossija donazzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta, la darba s-soċjetà konvenuta ma setgħet tieħu ebda benefiċċju jew korrispettiv in kontrakambju, u kwindi s-soċjetà konvenuta ma setgħet qatt tkun marbuta billi ma sarx l-att pubbliku mil-liġi *ad validatem* għal donazzjonijiet;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat illi l-Bank konvenut ipprevalixxa ruħu minn din iċ-ċitazzjoni u għamel kontro-talba li permezz tagħha wara li ppremetta illi kif huwa ammess mid-dikjarazzjoni ġuramentata ta' l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti, is-soċjetà Bankarja *Bank of Valletta Limited* ħallset is-somma ta' sitt mija

u ħamsa u għoxrin liri Maltija (Lm625) fi Frar 1987;

Peress illi dan il-pagament sar indebitament bi żball u b'hekk l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti arrikkiet ruħha mingħajr kawża ġusta bil-*jactura* u għad-detriment tal-*Bank of Valletta Limited;* l-istess Banka konvenuta talbet li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-pagament ta' Lm625 li sar fi Frar 1987 mis-soċjetà *Bank of Valletta Limited* sar indebitament, bi żball, u anke li l-istess konvenuti *nomine* arrikkew irwieħhom mingħajr ġusta kawża bil-*jactura* tal-Bank attur;

2. Tikkundannahom jirrestitwixxu lil Bank attur l-imsemmija somma ta' Lm625 bl-imgħax legali minn Frar 1987 sad-data tar-restituzzjoni effettiva għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż taċ-ċitazzjoni u l-kontro-talba kontra l-konvenuti Joseph Scicluna *et nomine;*

Eżaminat il-provi kollha li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Irriżulta li bis-saħħa ta' skrittura privata li ġġib id-data ta' l-4 ta' Frar 1987, intlaħaq ftehim imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

B'dan il-ftehim il-*Bank of Valletta Ltd* intrabat li għal perijodu li jibda mill-**1 ta' Frar 1987** sa l-**1 ta' Frar 1989,** jikkontribwixxi s-somma ta' Lm2500 (elfejn u ħames mitt lira Maltija) fis-sena lill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba

Konservazzjonisti; liema somma kellha tħallas bir-rata ta' Lm625.00,0 (sitt mija u ħamsa u għoxrin lira Maltija) kull tliet xhur. Ħlas kellu jsir kull l-ewwel ta' Frar, Mejju, Awissu u Novembru;

L-Għaqda ntrabtet li tuża dawn il-fondi "b'mod effettiv ta' edukazzjoni kemm lill-membri tagħha kif ukoll lid-dilettanti oħra tal-liġijiet u regoli ta' l-insib, kaċċa u konservazzjoni", u li torganizza wirja ta' għasafar kull sena. Il-ftehim jispiċċa hekk "Għaqda bħala wirja ta' apprezzament lill-*Bank of Valletta Ltd* tinntrabat li jagħti ħajr lill-Bank f'dak kollu li hija torganizza biex tagħmel dan wara li tingħata l-permess uffiċjali tal-Bank";

Dan il-ftehim intlaħaq bejn **Dennis Sammut Direttur Esekuttiv** a nom tal-*Bank of Valletta Ltd*, u **Alfred Zammit, President** u ***Antonio De Gaetano, Segretarju*** *ta' l-Għaqda* Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti;

Dawn it-tliet persuni ffirmaw ukoll l-istess skrittura ta' l-4 ta' Frar 1987;

Irriżulta li l-Bank ħallas l-ewwel rata ta' Lm625 *fl-1* ta' Frar 1987, iżda naqas li jħallas ir-rati sussegwenti. L-Għaqda għamlet il-kawża biex il-Bank konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm3750, rappreżentanti sitt skadenzi bejn l-1 ta' Mejju 1987 u l-1 ta' Awissu 1988. Il-Bank qiegħed jikkontesta din il-pretensjoni, bi tliet eċċezzjonijiet, kif ukoll b'kontro-talba li biha qiegħed jitlob ir-rifużjoni tas-somma ta' Lm625 li jippretendi li tħallset bi żball, mingħajr ġusta kawża u indebitament;

Ikkunsidrat:

Il-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti bdew jinstemgħu fil-15 ta' Frar 1989. Fl-udjenza tas-7 ta' Frar 1991 il-Bank konvenut iddikjara li m'għandux provi aktar xi jressaq dwar l-ewwel eċċezzjoni. L-atturi kellhom sitt seduti għad-disposizzjoni tagħhom biex iressqu l-provi tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni iżda ma utilizzawhomx;

Din ma kinitx sitwazzjoni li setgħet tibqa' permessa indefinittivament. Għalhekk, fis-seduta tad-29 ta' April 1993 il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-Bank konvenut qiegħed jirritjeni hekk:

"Illi Dennis Sammut, allura *Executive Director* tas-soċjetà konvenuta li ffirma l-iskrittura ta' l-4 ta' Frar 1987 (Dok. A) qatt ma kellu, skond l-istatut tas-soċjetà konvenuta, awtorità li jirrappreżenta u jorbot lis-soċjetà konvenuta u kwindi ma seta' qatt u bl-ebda mod jorbot lis-soċjetà konvenuta b'dik l-iskrittura; Għalhekk il-proċeduri odjerni ta' l-atturi, almenu fil-konfront tal-Bank, huma legalment insostenibbli u l-Bank għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju";

Jirriżulta li l-artikolu 12 ta' l-*Articles of Association* tal-*Bank of Valletta Limited* jiddisponi hekk dwar minn għandu r-rappreżentanza tal-Bank:

*"The representation of the Company, including Judicial representation, is entrusted to the Chairman of the Company or to such person or persons deputed and authorised for the purpose by the Board of Directors";*

Il-kliem ta' dana l-artikolu huma ċari u univoċi u ma jippermettu ebda interpretazzjoni: li rappreżentanza tal-*Bank of Valletta Limited* hija mogħtija bl-istatut taċ-*Chairman* jew lil xi ħaddieħor li jkun innominat u awtorizzat mill-*Board of Directors;*

Irriżulta li l-ftehim ta' l-4 ta' Frar 1987 ġie ffirmat mid-direttur Esekuttiv Dennis Sammut għan-nom tal-*Bank of Valletta Limited*. Mela la darba dak il-ftehim ma ntlaħaqx u ma ġiex iffirmat *miċ-Chairman,* biex dak il-ftehim jiġi ritenut li sar validament, irid jiġi ppruvat li Dennis Sammut kien ġie debitament awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank biex jirrappreżenta l-Bank fuq dak il-ftehim;

L-*onus* tal-prova li saret din id-delega jinkombi fuq l-atturi *skond il-massima onus probandi incumbit et qui dicit non ei qui negat;*

Din il-prova huma ma għamluhiex, billi lanqas biss inġunġew lil Dennis Sammut biex jgħid b'liema awtorità rrappreżenta l-Bank fuq dak il-ftehim. Mill-banda l-oħra, il-konvenut *nomine* ressaq provi biex juri li ma kienet irreġistrata ebda delega f'dan is-sens fil-minuti tal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi. Din il-prova saret *tramite* x-xhud Victor Cardona, li jokkupa l-kariga ta' Segretarju ta' dan il-Bord. Dan ix-xhud esebixxa estratti tal-minuti ta' risoluzzjonijiet fejn il-Bord tad-Diretturi nnomina u awtorizza diversi persuni biex jirrappreżentaw u jidhru fuq kuntratti u f'kawżi għan-nom u in rappreżentanza tal-*Bank of Valletta Limited*. Minn dawn l-estratti kollha, Dennis Sammut ma jissemma mkien. Fl-estratt tal-minuti tal-laqgħa li saret fil-15 ta' Ġunju 1984, hemm risoluzzjoni li fiha jissemma l-*Executive Director*. Fiha jingħad

hekk:

*"It was agreed to authorise the Executive Director to sign the lease agreement, software and maintenance agreement with Philip Toledo Limited for the Computerisation of Head Office";*

Billi hawn *si tratta* ta' delega dwar kuntratt partikolari, evidentement l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-*Executive Director* bir-risoluzzjoni sal-15 ta' Ġunju 1984 kienet limitata esklussivament għal dak il-kuntratt speċifiku u għal ebda kuntratt ieħor;

Anzi, din ir-risoluzzjoni tikkonferma, jekk talvolta kien hemm bżonn, ir-regola kontenuta fl-artikolu 12 ta' l-Istatut, u ċjoè li biex l-*Executive Director* jiffirma kuntratti f'isem il-*Bank of Valletta Limited,* kellu jkollu awtorizzazzjoni speċifika tal-Bord tad-Diretturi;

Joseph N. Tabone wara li qal li kien ġie nnominat *Chairman* tal-*Bank of Valletta Limited* fit-3 ta' Ġunju 1987, u wara li għamel riferenza għal dak li jgħid l-artikolu 12 ta' l-Istatut, xehed testwalment hekk:

"Jirriżultali wkoll illi Mr. Dennis Sammut..... għalkemm kien jissejjaħ *Executive Director* ma kellu l-ebda rappreżentanza tal-*Board of Directors.* Allura meta ..... ġiet quddiemi din il-karta jiena staqsejt, l-ewwel ħaġa, kienx hemm xi obbligu tal-Bank u min iffirmah kellux l-obbligazzjoni tal-Bank, speċjalment li din hija donazzjoni... jiġifieri l-Bank ma ħa xejn tagħha, u t-tieni... rajt illi ma kien hemm l-ebda ratifika mill-*Board of Directors.* Staqsejt il-*Legal Advisors* tal-Bank u dawn qaluli illi min iffirmah għamel dan biss fuq l-inkarigu tiegħu għaliex ma

kienx hemm ratifika mill-*Board of Directors* u għaliex ma kienx awtorizzat jidħol f'kuntratti bħal dawn, u l-anqas kellu poter bħala Direttur jagħti donazzjoni ta' din il-kwalità;

*Jiena* mingħajr **bias** *ta'* xejn *għidt lis*-segretarju *tal-Bord* jara, idur il-*minutes* kollha, l-ewwel ħaġa minn mindu ġie appuntat, l-Ex-Direttur Mr Dennis Sammut kellux qatt xi inkarigu, delegazzjoni mill-Bord biex jiffirma għaċ-*Chairman* u dawn irriżultaw li ma kellux. U fuq hekk jiena ħadt din id-deċiżjoni, li l-kuntratt safejn nafu aħna huwa null u ma nkomplux inħallsu";

Illi l-poteri tad-Direttur jemanaw mill-istatut tas-soċjetà u kwalunkwe Direttur huwa obbligat li josserva kull limitazzjoni li tista' tkun imposta fl-istatut fuqu;

Konsegwentement persuna li tidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà għandha obbligu li tara li hija debitament awtorizzata li tagħmel dan. Fil-każ odjern, l-*Executive Director* Dennis Sammut seta' jirrappreżenta l-Bank konvenut u jobbligah fuq kuntratt **biss** fl-ipotesti li ngħatatlu delega f'dan is-sens permezz ta' *risoluzzjoni* mgħoddija f'laqgħa tal-Bord tad-Diretturi, jew almenu permezz ta' risoluzzjoni bil-miktub iffirmata mid-Diretturi kollha skond l-artikolu 69 ta' l-ewwel skeda annessa ma' l-ordinanza Nru. X ta' l-1962 (li ma ġietx eskluża fl-istatut). Dana l-artikolu jaqra hekk:

"*Risoluzzjoni bil-miktub iffirmata mid-Diretturi kollha li* dak iż-żmien ikollhom dritt jirċievu avviż ta' laqgħa tad-Diretturi, tkun tiswa u tkun effettiva bħallikieku kienet għaddiet f'laqgħa tad-Diretturi msejħa u miżmuma kif xieraq";

Mill-provi li tressqu ma rriżultax li Dennis Sammut ingħatatlu din id-delega u għalhekk meta ffirma il-kuntratt in kwistjoni ma' l-atturi, jidher li hu kien qiegħed jaġixxi *ultra vires*. Ta' min jinnota wkoll li **fuq il-ftehim stess** ma tpoġġiet ebda klawsola li biha ġie ddikjarat li Dennis Sammut ġie debitament awtorizzat li jirrappreżenta 'l-*Bank of Valletta Ltd* fuq dak il-kuntratt. Għandu jiġi enfassizat ukoll, li mill-provi li tressqu ma jirriżultax li l-ftehim in kwistjoni qatt ġie rratifikat miċ-*Chairman* jew mill-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi forsi jistgħu josservaw li huma ttrattaw ma' uffiċjal għoli tal-Bank, ma' l-*Executive Director,* u għalhekk dak li ffirma għalih dan l-uffiċjal għandu jorbota u jiġi rrispettat mill-*Bank of Valletta Limited;*

Illi huwa prinċipju fundamentali li persuna li tinnegozja ma' kumpanija bħas-soċjetà konvenuta titqies li tkun a konoxxenza tal-kontenut tal-*memorandum* u ta' l-*Articles* ta' dik il-Kumpanija. Din ir-regola, li fid-dottrina Ingliża tissejjaħ "*the rule of constructive notice*" tapplika f'Malta wkoll billi l-artikolu 193 ta' l-imsemmija Ordinanza jagħti l-fakoltà lil kull persuna li tispezzjona l-*memorandum* u l-istatut u d-dokumenti l-oħra soċjali miżmuma mir-Reġistratur tas-Soċjetajiet u din il-persuna tista' titlob ukoll kopji;

Għalhekk, min jinnegozja ma' soċjetà għandu l-obbligu li jispezzjoni d-dokumenti pubbliċi ta' l-istess soċjetà u għandu jaċċerta ruħu li n-negozju propost ma jkunx f'konflitt magħhom. Għandu jara speċifikament li min jidher għan-nom tas-soċjetà jkollu d-dritt li jirrapreżentaha;

F'dan il-każ l-artikolu 12 ta' l-Istatut huwa ċar u għalhekk l-atturi kellhom ikunu jafu li biex Dennis Sammut jorbot lill-Bank bil-ftehim magħhom hu kellu jkollu l-awtorizzazzjoni tal-Bord tad-Diretturi biex jagħmel u jiffirma dak il-ftehim. L-atturi ma kellhom ebda raġun li jassumu li l-Bord tad-Diretturi effetivament kien ta dik l-awtorizzazzjoni lil Dennis Sammut. Li kieku dik l-awtorizzazzjoni tal-Bord ingħatat (**fatt li ma jirriżultax mill-provi akkwiżitit fil-proċess**), l-atturi kienu jkunu intitolati **biss** li jassumu li dik ir-risoluzzjoni saret regolarment. Kien ikollhom, per eżempju kull dritt li jassumu li l-laqgħa ġiet *imsejħa regolarment* u li kien hemm il-*quorum* rikjest meta għaddiet ir-risoluzzjoni. Ma kien ikollhom ebda obbligu li jindagaw dwar kwistjonijiet interni bħal dawn. Imma l-atturi kellhom id-dover li jaraw li l-persuna li kienet qiegħda tittratta magħhom, f'isem il-Bank konvenut, kienet ġiet *"deputed and authorised for the purpose by the Board of Directors"*, kif jistipola *l-artikolu 12 ta' l-Istatut*;

Illi jidher li l-atturi naqsu li jagħmlu dan bir-riżultat li l-ftehim li laħqu ma' l-*Executive Director*, ma jorbotx **legalment** lill-kumpanija konvenuta. Għalhekk, l-atturi ma jistgħu javanzaw ebda pretensjoni kontra s-Soċjetà konvenuta a bażi tal-ftehim ta' l-4 ta' Frar 1987 u hemm lok li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* tintlaqa';

Għal dawn il-motivi:

Prevja li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjetà konvenuta, tillibera l-istess soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż għall-atturi *nomine*;

Il-kawża tibqa' differita għas-seduta ta' l-14 ta' Ġunju 1993 għall-kontinwazzjoni dwar il-kontro-talba tal-konvenut *nomine.*